# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 670/15MH**

**Illum 1 ta' Lulju, 2016**

**Celine Warnier de Wailly (I.D. 0063020A)**
**vs**
**Kurt Galea Pace (I.D. 243667M)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' l-attrici Celine Warnier de Wailly prezentat fid-9 ta' Lulju 2015 fejn gie premess:

1. *"Illi madwar Awwissu tas-sena elfejn u tnax (2012), ir-rikorrenti kienet xtrat appartament ġewwa l-lokalita' ta' Floriana;*

2. *Illi dan l-appartament kien jeħtieġlu li jsir certu xogħol ta' ristawrazzjoni u tiġdid li kien anke kien jinkludi xogħol ta' kostruzzjoni;*

3. *Illi kien propju minħabba f'hekk illi r-rikorrenti ġiet introdotta ma l-intimat Kurt Galea Pace minn terza persuna sabiex isiru dawn ix-xogħlijiet meħtieġa;*

4. *Illi l-intimat informa lir-rikorrenti illi huwa seta' joffri servizz ta 'turnkey' u li għallura huwa kien kapaċi jieħu ħsieb illi jsir ix-xogħol meħtieġ sabiex l-appartament hawn fuq imsemmi jiġi ritornat lura fi stat abitabbli;*

5. *Illi fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru elfejn u tnax, ir-rikorrenti u l-intimat ffirmaw kuntratt bejniethom rigward ix-xogħol illi kellu jsir mill-intimat ġewwa l-istess appartament tar-rikorrenti, liema kuntratt qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala '**Dok A**'.*

6. *Illi wara li bdew isiru xi xogħlijiet, l-intimat beda joħrog fatturi għax-xogħol illi kien għamel u l-attriċi bdiet tħallas sabiex tkopri l-ispejjeż li kienu saru għall dan ix-xogħol. Il-fatturi msemmija qiegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati b'mod kollettiv bħala '**Dok B**';*

7. *Illi għax-xogħol li kien laħaq sar, ir-rikorrenti ħallset il fuq minn tmienja u għoxrin elf Ewro (€28,000), liema somma kienet tkopri spejjeż ta' xogħol manwali li sar, xiri ta' appliances u għamara, u liema pagamenti li saru mir-rikorrenti qiegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati kolletivament bħala '**Dok C**';*

8. *Illi parti mis-somma hawn fuq imsemmija li ġiet imħallsa mir-rikorrenti lill-intimat kienet tħallset għall-xiri ta' għamara. Il-pagament li sar għax-xiri ta l-għamara qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala '**Dok D**'.*

9. *Illi għalkemm sar il-pagament hawn fuq imsemmi, l-istess għamara baqgħet qatt ma nxtrat u allura l-appartament qatt ma ġie fornut bl-għamara, hekk kif kif miftiehem li jagħmel ir-rikorrent;*

10.*Illi bejn f'Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-intimat waqaf milli jkompli ix-xogħolijiet illi kien ġie mqabbad jagħmel u għaldaqstant l-appartament ma tlestiex fiż-żmien li kien miftiehem illi kellhu jitlesta;*

11.*Illi minħabba dan il-fatt, r-rikorrenti kellha tikri post ieħor fejn tgħix sakemm tlestew xi xogħlijiet li kellhom isiru mill-intimat sabiex r-rikorrenti tkun tista tidħol tgħix fir-residenza tagħha u għaldaqstant ir-rikorrenti inkorriet spejjeż oltre biex tkopri għat-tali kirja, liema kirja kellha ssir unikament minħabba d-dewmien żejjed da parti ta' l-intimat. Qiegħed jiġi anness kont mħallas mir-rikorrenti ghat-tali kirja u dan immarkat bħala '***Dok E***';*

12.*Illi nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-intimat kien bagħat lil-attriċi 'Re-scheduling of works', liema dokument qiegħed jiġi anness u mmakarkat bħala '***Dok F***', bit-tir li jagħti skjeda illi l-intimat kellhu jżomm magħha sabiex jitkomplu x-xogħlijiet illi kellhu jagħmel l-intimat;*

13.*Illi minkejja dan, r-rikorrenti provat tinterpella lir-rikorrent sabiex jkompli x-xogħlijiet kollha illi kellom isiru iżda dan baqa ma lestiex ix-xogħol kollhu li kellhu jsir kif oriġinarjament miftiehem imma għamel biss parti mix-xogħol illi kellhu jagħmel fir-residenza ta l-attriċi;*

14.*Illi fit-tnax (12) ta' Settembru 2013, il-partijiet ffirmaw 'Addendum to Contract of Works' li qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala '***Dok G***', liema dokument jistabillixxi terminu ta żmien sa meta kellhom jitlestew ċertu xogħlijiet u saħansitra jistabillixxi multi ta ħamsin Ewro (€50) kuljum għall kull ġurnata li tgħaddi wara ż-żmien ta skadenza miftiehem sabiex jitlesta ix-xogħol li kellhu jitlesta mill-intimat;*

15.*Illi nonostante dan il ftiehem, ix-xogħlijiet baqgħu ma tlestewx kif kien ġie miftiehem;*

16.*Illi wara dan it-tertieq ta' qalb kollhu, fit tnax (12) ta' Ġunju elfejn u erbgħatax (2014) intlaħaq ftehim illi qiegħed jiġi anness u mmarkat bħala '***Dok H***' fejn l-intimat kellhu jirrifondi lura lir-rikorrenti is-somma ta' sebat elef Ewro (€7,000) peremezz ta' numru ta pagamenti;*

17.*Illi minn dan il-ftehim ta' ħlas lura li kellhu jsir mill-intimat ma sar xejn u r-rikorrenti qatt ma rċevit flus kif kien miftiehem;*

18.*Illi nonostante dan kollhu, r-rikorrenti kienet lesta tagħti ċans ieħor sabiex isir il-ħlas lura u għalekk sar ftehim ieħor nhar il-ħdax (11) ta Awwissu elfejn u erbgħatax (2014), liema ftehim qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala '***Dok I***' fejn l-intimat kellhu jħallas lura lir-rikorrenti l-ammont ta sebat elef u tlett mitt Ewro (€7,300);*

19.*Illi l-istess intimat waqaf jagħmel il-ħlasijiet lura f'Mejju tas-sena elfejn u ħmistax (2015) u sa dak inhar, ir-rikorrenti rċevit biss madwar elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) u il-bqija tal-bilanċ baqa ma tħallasx mill-intimat;*

20.*Illi minħabba l-għaġir ta l-intimat Kurt Galea Pace, il-post hawn fuq imsemmi illi kellhu jservi bħala id dar ta' abitazzjoni ta' l-attriċi baqa' ma sarulux ix-xogħlijiet kollha mill-intimat kif kien miftiehem bejn il-partijiet u l-post in kwistjoni baqa fi stat ta periklu;*

21.*Illi di piu, diversi xogħlijiet illi laħqu saru mill-intimat ma kienux magħmula b-istandard tajjeb biżżejjed kif wieħed ikun mistenni li jsir u b'hekk kienu*

*jirrikjedu alterazzjonijiet jew saħansitra illi dawn ċertu xogħolijiet jerġgħu jsiru mill-ġdid;*

*22.Illi l-ispejjeż biex jitranġaw dawn ix-xogħlijiet jew anke li jsiru ċcertu xogħlijiet li kellhom inizzjalment isiru mill-intimat ġew sostnuti mir-rikorrenti;*

*23.Illi minħabba dawn il-fatti kollha hawn fuq imsemmija, r-rikorrenti batiet danni b'konsegwenza ta' l-għaġir ta l-intimat, u dan kif ser jiġi ppruvat iżjed fid-dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawża.*

*24.Illi l-intimat jaf b'dawn il-fatti personalment u fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimat Kurt Galea Pace m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti għat-talbiet ta l-attriċi.*

*Għaldaqstant, jgħid il-konvenut għaliex din l-onorabbli Qorti m'għandiex:-*

1. *Tiddikjara lill-intimat Kurt Galea Pace responsabbli għad-danni sofferti mill-attriċi;*

2. *Tillikwidna d-danni sofferti mir-rikorrenti;*

3. *Tordna lill-istess Kurt Galea Pace sabiex iħallas lill-attriċi d-danni kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra l-intimat Kurt Galea Pace li jiba nġunt minn issa għas-subizzjoni."*

Rat ir-risposta tal-konvenut Kurt Galea Pace prezentata fil-5 ta' Novembru 2015 li permezz taghha esponew:

1. *"Illi preliminarjament, l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ratione materie biex tieħu konjizzjoni tal-mertu odjern stante li l-kwalsola numru 12 tal-ftehim iffirmat bejn il-kontedenti datat it-23 ta' Settembru 2012 anness mar-rikors promotur bħala "Dok A", jistipola s-segwenti:-*

   *"Any dispute or difference arising between the Parties under the provisions of this Agreement shall be referred to arbitration and final decision of a person, to be agreed by the Parties or failing agreement, within fourteen (14) days after either party has given to the other written request requiring the appointment of an arbitrator, to be appointed on the request of either party by the Chairman of the Malta Arbitration Centre"*

2. *Illi in segwitu tal-eċċezzjoni preliminari sovraesposta, l-intimat, ppreżenta rikors fil-05 ta' Novembru 2015 in ottemporanza mad-dispost tal-Artikolu 15(3) tal-Att dwar l-Arbitraġġ, fejn qiegħed umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti twaqqaf il-proċediment odjern fl-ismijiet premessi, u dan in vista tal-fatt li r-relazzjoni kontrattwali eżitenti bejn il-partijiet tiddeterminha a priori u minnha nfisha li kull tilwima, kontroversja jew pretensjoni li titnissel mill-ftehim jew li jkollha x'taqsam miegħu, jew il-ksur jew it-temm jew l-invalidità tal-ftehim jew in-nuqqas ta' tħaris tiegħu għandha tiġi riferuta u eventwalment determinata bi proċeduri ta' arbitraġġ u dan, naturalment, skond dawk il-provvedimenti, ordnijiet jew direttivi li din l-Onorabbli Qorti tħoss xierqa fiċ-ċirkostanzi.*

3. *Illi, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-*suespost, l-allegazzjonijiet *magħmula mir-rikorrenti huma inveritieri u skorretti, u dan kif se jiġi ulterjorment ipprovat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

4. *Illi jiġi sottomess li tul ix-xogħolijiet, ir-*rikorrenti kellha attitudni ostili *ħafna lejn l-*intimat u l-*ħaddiema tiegħu, tant hu hekk li ftit tax-*xhur wara *li* bdew *ix-xogħolijiet, l-*istess rikorrenti bdiet thedded lill-istess intimat li *trid tgħarraqlu r-reputazzjoni tiegħu, kif filfatt għamlet. Illi huwa pależi li l-kawża proposta m'hi xejn ħlief attentat ieħor sabiex tkompli tgħarraq l-*istess intimat;

5. *Illi din l-imsemmija attitudni tirriżulta ampja mill-*allegazzjonijiet *infondati li għamlet l-*istess rikorrenti, bil-*ġurament tagħha, fir-*rikors *promotur. Illi jiġi senjalat minn issa illi tali allegazzjonijiet iridu jiġu ppruvati sal-grad rikjest mil-liġi;*

6. *Illi* nonostante *l-attitudni ostili, intimat għażel li, minflok jittermina l-*kuntratt *mar-rikorrenti, ikompli jagħtiha s-* servizz u dan billi anke *tilef il-flus fuq xogħolijiet żejda li ordnat l-*istess rikorrenti u li *l-*intimat *għażel li ma jżommilijiex flus tagħhom;*

7. *Illi għar-*rigward tal-ammont mitlub *fis-somma ta' Eur 7,300, għandu jiġi sottomess li ż-żieda ta' Eur 300 bejn ix-xahar ta' Lulju 2014 u Awwissu 2014 m'hijiex kwalifikata u dan l-ammont qiegħed jiġi kkontestat għax huwa indikattiv ta' użura u kwindi hu affett minn kawża illeċita;*

8. *Illi għall-finijiet ta' spejjeż, għandu jiġi rilevat li r-rikorrenti ma wettqet l-ebda intimazzjoni ġuridika kontra l-istess intimat qabel ma bdew il-proċeduri odjerni u b'hekk dawn l-istess proċeduri huma intempestivi;*

9. *Illi in vista tas-suespost, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda in toto bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi;*

*Salv eċċezzjonijiet oħra jekk ikun il-każ."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attriċi Celine Warnier De Wailly prezentata fid-9 ta' Dicembru 2015 li permezz taghha esponiet:

***"Rigward il-fatti:-***

1. *Illi kif spjegat iżjed fid-dettal fir-rikors ta l-attriċi, hija kienet daħlet fi ftehim mal-konvenut sabiex isiru numru ta' xogħolijiet mill-konvenut fil-propjeta tal-attriċi. Rigward dan kien ġie ffirmat kuntratt b'numru ta obligazzjonijiet u kundizzjonijiet li jolqtu liż-żewġ partijiet;*

2. *Illi kif ser joħroġ biċ-ċar mill-evidenza u mix-xhieda matul din il-kawża, l-konvenut irċieva* bil-quddiem *mingħand l-attriċi ħlas ta' xogħol li kellhu jsir mill-konvenut fil-propjeta' tal-attriċi;*

3. *Illi kif spjegat fir-rikors, f'Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) l-intimat waqaf milli jkompli ix-xogħolijiet illi kien ġie mqabbad jagħmel u għaldaqstant l-appartament ma tlestiex fiż-żmien li kien miftiehem illi kellhu jitlesta;*

4. *Illi nonostante dan, l-attriċi tat numru ta' estensjonijiet lil-konvenut sabiex jitlesta x-xogħol u dan bi qbil mal-konvenut li jsir hekk. Iżda minkejja dan, u minkejja diversi interpellazzjonijiet mill-attriċi, l-konvenut baqa ma' onorax il-ftehim li għamel hu ma l-attriċi u allura dawn ix-xogħolijiet baqgħu ma tlestewx kif miftiehem u dan unikament minħabba nuqqas ta' volonta' minn naħa tal-konvenut, u dan kif għall darb'oħra ser jiġi ppruvat waqt il-kawża;*

5. *Illi wara dan kollhu, saħansitra l-konvenuta irnexxiela tilħaq ftehim amikevoli mal-konvenut sabiex hi tiġi rimborsata l-flus li laħqet ħarġet bil-quddiem iżda lanqas dan il-ftehim ma ġie onorat mill-konvent, minkejja d-diversi interpellazjonijiet minn naħa ta l-attriċi;*

6. *Illi minħabba dawn il-fatti kollha, l-attriċi soffriet danni u għaldaqstant ġie intavolat ir-rikors quddiem din il-Qorti.*

***Rigward l-eċċezzjoni tal-konvenut:-***

1. *Illi fir-risposta ġuramentata tal-konvenut, huwa qajjem l-eċċezzjoni illi din il-Qorti hija inkompetenti sabiex tieħu konjizzjoni tal-mertu ta din il-kawża stante il-klawsola arbitrali numru 12 tal-ftehim datat 23 ta' Settembru 2012 iffirmat bejn il-partijiet, liema klawsola tgħid hekk:*

   *"<u>Any dispute or difference arising between the Parties under the provisions of this Agreement</u> shall be referred to arbitration and final decision of a person, to be agreed by the Parties or failing agreement, within fourteen (14) days after either party has given to the other written request requiring the appointment of an arbitrator, to be appointed on*

*the request of either party by the Chairman of the Malta Arbitration Centre".*

2. *Illi fil-fehma soda tal-attriċi, ir-rikors tagħha ma jirrigwardax xi tilwima jew differenza li toħroġ minn xi dispożizzjoniijiet tal-ftehim li għamlu. Iżda l-attriċi fil-fatt qedgħa titlob il-likwidazzjoni tad-danni riżultanti mill-fatt illi l-attur **abbanduna għal kollox l-obbligi tiegħu naxxenti mil-ftehim**, anke jekk inizzjalment beda jsir xi xogħol kif miftiehem.*

3. *Illi mill-għaġir tal-konvenut, joħroġ biċ-ċar li hu ma kellux buona fede, tant li x-xogħolijiet qatt ma tlestew minnu u llum il-ġurnata ilu tul ta' żmien juri li ma hemm l-ebda intenzjoni li jonora l-obbligi tiegħu. In oltre, minn mindu waqaf milli jkompli x-xogħolijiet, hu saħansitra żamm għandu somma sostanzjali ta' flus li rċieva mingħand l-attriċi sabiex isir ix-xogħol, iżda dan baqa ma tħarrikx u minn naħa tiegħu ma tqajjmet l-ebda pretenzjoni kontra l-attriċi;*

4. *Illi minħabba l-fatti kollha sollevati u liema fatti ser jiġu ppruvati, huwa ċar illi **llum il-ġurnata ma jistax jingħad illi l-kuntratt għadu għaddej**. Li kieku l-kuntratt għadu għaddej, allura l-bon fidi titlob, u kien ikun fl-interess tal-konvenut, illi jew jara li jwettaq l-obbligi tiegħu bi sħiħ kif jitlob l-kuntratt jew li jissalvagwardja l-pożizzjoni tiegħu billi ssir il-pretensjoni tiegħu kontra l-attriċi u dan billi jieħu l-passi neċessarji fil-konfront ta l-attriċi, anke jekk kien ikun ifisser li jużufruwixxi ruħu mill-klawżola arbitrali, liema fatt ma seħħx għaliex ovvjament din ma kenitx fl-interess tal-konvenut. Hu diġa kien imħallas bil-quddiem għall xogħolijiet li kellu jagħmel. Minn naħa ta' l-attriċi ma hemmx dubju illi hi provat dak kollhu li setgħat sabiex tara li l-ftehim jiġi mwettaq. Għaldaqstant li qed jingħad huwa li l-kuntratt mhux talli m'għadux in*

*vigore minħabba l-għaġir tal-konvenut, iżda* ***mill-istess għaġir joħroġ illi l-konvenut irrinunzja taċitament għall-effetti tal-klawżola arbitrali****;*

5. *Illi fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell datata' l-10 ta' Ottubru 2013 fl-ismijiet Gatt vs. Facchetti, l-Qorti kienet irrimarkat illi:- "l-appellanti argumentaw li d-dekors ta' numru ta xhur li fihom l-konvenuti ma pproċedewx għall-arbitraġġ kien ifisser li huma kienu irrinunzjaw taċitament għall-effetti tal-klawżola arbitrali" (fol 7). Il-Qorti laqgħet dan l-argument u żiedet tgħid li "mhux permess għall-konvenut li issa jinvokaw l-eżekuzzjoni tal-klawżola arbitrali f'din il-kawża meta wrew passivita' prolungata tagħhom, kienu wrew biċ-ċar li ma kellhomx l-intenzjoni li jimxu fit-triq ta' l-arbitraġġ.".*

6. *Illi allura m'huwiex ġust illi l-konvenut l-ewwel għażel li ma jonorax l-obbligi tiegħu naxxenti mill-kutnratt, u llum, wara ħafna tertiq ta' qalb u wara li ġiet intavolata din il-kawża, jippretendi li għandu jiddetta liema dispożizzjoni mil-ftehim iffirmat għandha tiġi applikata;*

7. *Illi b'hekk, il-klawżola arbitrali m'hijiex applikabli fil-konfront taċ-ċirkostanzi illi ninsabu fihom.*

8. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, anke jekk din il-Qorti tiddeċiedi li l-klawżola arbitrali għadha in vigore, qiegħed umilment jiġi ssolevat illi m'huwiex minnhu li din il-Qorti hija inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-mertu ta din il-kawża u għall dan qedha ssir referenza għall Artikolu 742 (3) tal Kap 12 illi jgħid:-*

*Il-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili m'hijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il*

*proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, f'liema każ il-qorti, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ, għandha twaqqaf il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva."*

9. *Fid-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell ta l-4 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet George Camilleri vs Hugh P. Zammit nomine, il-Qorti qalet:-*

*"il-liġi (fl-Artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jiġi assigurat li l-ġurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza ċivili ma ktunx eskluża mil-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati ċivili jkunu jistgħu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita' ta' tali ftehim ta' aritraġġ..."*

10. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, din il-Qorti għandha ukoll tapprezza jekk it-triq tal-arbitraġġ hix ser toffri xi soluzzjoni prattika jew integrali lill-attriċi u jekk it-tali triq hix ser issolvi il-vertenza tagħha.*

*Għar-raġunijiet kollha fuq esposti, hija l-fehma umli ta' l-attriċi illi l-eċċezzjonijiet kollha mressqa mill-konvenut għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess konvenut u t-talbiet attriċi għandhom jintlaqgħu fl-intier tagħhom."*

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva ta' Kurt Galea Pace prezentata fit-8 ta' Frar 2016 li permezz taghha espona:

*"Illi permezz ta' rikors ai termini tal-Artikolu 15(2) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponenti talab lil dina l-Onorabbli Qorti twaqqaf il-proċedimenti*

*odjerni a bażi tal-istess Artikolu. Illi l-preżenti nota responsiva qed tiġi sottomessa in vista tan-nota tal-attriċi rigwardanti dina l-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-konevnut;*

*Illi fil-kuntratt li fuqu qed tistrieħ l-attriċi, hemm riportat is-segwenti fil-klawżola numru 12:*

> *"**Any dispute or difference between the Parties** under the provisions of this Agreement **shall be referred to arbitration and final decision of a person**, to be agreed by the Parties or failing agreement, within fourteen (14) days after either party has given to the other written request requiring the appointment of an arbitrator, to be appointed on the request of either party by the Chairman of the Malta Arbitration Centre" (emfażi miżjuda ta' l-esponent);*

*Illi l-attriċi, fin-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata minnha stess, qiegħda "titlob il-likwidazzjoni tad-danni riżultanti mill-fatt illi l-attur **abbanduna għal kollox l-obbligi tiegħu naxxenti mill-ftehim**", bil-kliem operattivi jkunu "naxxenti mill-ftehim", liema ftehim hu propju l-kuntratt miftiehem espressament bejn il-partijiet u dak li fuqu l-attriċi qed tippernja l-kawża odjerna;*

*Illi bid-dovut rispett, hu kontradittorju kif f'nifs wieħed l-attriċi tisħaq illi l-klawżola ta' Arbitraġġ m'għandhiex tiġi applikata stante li "r-rikors tagħha ma jirrigwardax xi tilwima jew differenza li toħroġ minn xi dispożizzjonijiet tal-ftehim li għamlu", iżda f'nifs ieħor tagħmel pjena referenza għall-istess kuntratt sabiex issostni t-teżi u l-allegazzjonijiet tagħha;*

*Illi l-attriċi donnha qed tivvanta l-argumenti tagħha fuq l-idea li hi tista' jagħżel liema klawsoli huma validi u enforzabbli u liema klawsoli fl-istess kuntratt għandhom jiġu skartati U injorati. B'kumbinazzjoni jidher li l-klawsoli li fuqhom l-attiriċi qed tallega inadempjenza da parti tal-konvenut tixtieqhom validi, filwaqt dawk li jippreskrivu proċeduri abtrali għandhom jiġu skartati u minsija. Bid-dovut rispett, ir-reġime legali nostrali ma jippermettix dan l-istil ta' "pick and choose.*

*Illi f'dan l-istadju qegħda ssir referenza għall-Artikolu 32(2) tal-Kap 387 tal-Liġijiet ta' Malta, li jikkristallizza l-punt li klawsola aribtrali għandha titqies bħala li għandha validita indipendenti mill-kuntratt bejn il-partijiet. Tant li l-klawsola arbitrali għandha eżistenza indipendenti mill-kuntratt li fih tinsab, li l-istess Artikolu jkompli jgħid li anke jekk il-kuntratt ikun null u bla effett, dan ma jfissirx awtomatikament li l-klawsola arbitali hija invalida ukoll. Di fatti l-Artikolu 32(2) jistipola, inter alia¸s-segwenti:-*

> *"...Għall-għanijiet tal-artikolu 32, klawsola ta' arbitraġġ li tinsab f'kuntratt u li tkun tipprovdi għal arbitraġġ skont din il-Parti għandha titqies bħala ftehim indipendenti mill-patti l-oħra tal-kuntratt. Deċiżjoni mit-tribunal tal-arbitraġġ li l-kuntratt ikun null u bla effett ma għandhiex tkun tfisser ipso jure li l-klawsola ta' arbitraġġ tkun invalida ukoll..."*

*Illi din l-interpretazzjoni hija konsonanti ma dik tal-Qorti fis-sentenza preliminari mogħtija fl-ismijiet "**Cobra Installations Limited vs Stephen Caruana**[1]", fejn il-Qorti tal-Maġistrati (Malta), waqt li kienet qed titkellem fuq dan l-Artikolu 32, irriteniet illi:-*

[1] **Cobra Installations Limited vs Stephen Caruana** (Qorti tal-Maġistrati (Malta)) 10 ta'Jannar 2012 (Avviz Nru. 139/2011).

*"Minn din id-disposizzjoni tal-Liġi joħroġ ferm ċar li l-Leġislatur ried illi klawsola arbitrali f'kuntratt konkluż bejn tnejn u iktar min-nies ikollha eżistenza indipendenti w autonoma mill-kumplament tad-disposizzjonijiet ta' dak l-istess kuntratt, u dana kjarament għas-salvagwardja ta' tali stipulazzjoni partikolari. Għalkemm l-Artikolu 32 tal-Kap.387 tal-Liġijiet ta' Malta jittratta dwar is-sitwazzjoni fejn it-tribunal ta' l-arbitraġġ ikun qed jittratta eċċezzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni tiegħu, il-Qorti ma issib ebda raġuni għalfejn tali kunċett ta' indipendenza w autonomia tal-klawsola arbitrali ma għandux jiġi applikat ukoll minn qorti ta' kompetenza ċivili meta din tkun qed tikkonsidra kwistjoni dwar il-ġurisdizzjoni tagħha proprio minħabba l-eżistenza ta' klawsola arbitrali bejn il-partijiet kontendenti."*

*Illi l-attriċi tagħmel referenza wkoll għall-Artikolu 742(3) tal-Kap. 12 fejn għalkemm jistipola li l-ġurisdizzjoni tal-qrati ta' kompetenza ċivili mhijiex eskluża mill-fatt li jkun hemm xi ftehim ta' arbitraġġ bejn il-partijiet, sew jekk il-proċedimenti ta' arbitraġġ ikunu nbdew jew le, jistipola wkoll li f'dak il-każ, il-qorti, <u>bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitraġġ</u>, għandha <u>twaqqaf</u> il-proċedimenti mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (4) u għas-setgħa li għandha l-qorti li tagħti kull ordni jew direttiva.*

*Illi dwar dan l-Artikolu, il-Qorti, fis-sentenza* **Cobra Installations vs Stephen Caruana,** *irriteniet illi:*

*"il-Qorti hi tal-fehma li fl-applikazzjoni ta' dan il-provvediment tal-Liġi ma tistax tinjora dak dispost fl-Artikolu 15(3) tal-Kap.387 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi dwar il-proċedura li għandha tiġi segwita minn dik il-parti fi proċeduri ċivili li appuntu trid titlob il-waqfien ta' dawk il-proċeduri minħabba l-eżistenza ta' ftehim ta' arbitraġġ. Tant id-*

> *disposizzjonijiet kontenuti fil-Kap.387 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż għalhekk l-Artikolu 15(3), ma jistgħux jiġu injorati fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 742(3) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, li f'dak l-istess artikolu tal-Liġi hemm dispost li l-Qorti għandha taġixxi bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' kull liġi li tirregola l-arbitragg."*

*Illi dan il-prinċipju hu stabbilit ukoll fil-ġurisprudenza nostrana, fejn il-Qrati f'diversi sentenzi saħqu illi "il-patt li bih il-partijiet jirrimettu lill-arbitri l-kwestjonijiet li jistgħu jinqalgħu bejniethom dwar l-eżekuzzjoni tal-kuntratt huma validi u mhux kontra l-liġi. F'każ bħal dan il-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dawk il-kwestjonijiet, salvi r-rimedji ġudizzjarji wara l-arbitraġġ, jekk ikun il-każ skond il-liġi" (vide* ***Walter Bonello noe vs. P.L. Ercole Valenzia noe****, Qorti Kummerċjali, 30 ta' Ġunju, 1948;* ***Tenente Colonello Henry Nedham Foster noe vs. Antonio Gatt****, Qorti ta' l-Appell Kummerċjali, 27 ta' Ġunju 1924)*

*Illi anki tenut kont tal-eżistenza tal-Artikolu 742(3) tal-Kap. 12 ċitat mill-attriċi, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Ġorġ Camilleri vs. Hugh P. Zammit noe****, deċiża fl-4 ta' Mejju, 1998, li inċidentalment u konvenjentament ġiet kwotata biss in parti mill-attriċi, il-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) saħħqet li:-*

> *"l-Qrati Ċivili huma tenuti jirrispettaw il-volonta' tal-partijiet u jassiguraw li l-vertenza bejniethom tiġi epurata, deċiża u sodisfatta tramite l-proċess arbitrali li huma kienu liberament ikkonvenew bejniethom",*

*illi inoltre hu kompitu tal-Qrati Ċivili nfushom li jiżguraw li l-kompetenza rispettiva tiġi rispettata "propju sabiex jiġi assigurat li l-volonta' tal-kontraenti tiġi rispettata", in ottemporanza mal-prinċipju suprem ta' pacta sunt servanda;*

*Illi di piu', hu inkonċepibbli kif l-attriċi qiegħda tiddikkjara fin-nota tagħha li l-konvenut esponenti rrinunzja taċitament għall-effetti tal-klawżola arbitrali, liema dikjarazzjoni hi għal kollox arbitrarja stante li fl-ebda mument ma kien hemm xi rinunzja, kemm taċita jew espressa, da parti tal-konvenut għall-imsemmija klawżola. Anzi, lanqas biss qatt seta' jkun hemm xi forma ta' rinunzja stante li l-attriċi, fl-ewwel lok, qatt ma nvokat il-klawżola arbitrali u pproċediet b'rasha mgħaddsa quddiem din l-Onorabbli Qorti, b'konsegwenza li ġie injorat kompletament il-forum opportun u applikabbli quddiem liem tista' tressaq l-allegazzjonijiet tagħha, fosthom l-allegat nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt miftiehem;*

*Illi fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fl-ismijiet* **Cordina Insurance Agency Ltd. noe vs. John Abela Ltd**, *deċiża fit-3 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti saħqet li :-*

> *"n-nuqqas da parti tas-soċjeta konvenuta li hi stess tinvoka l-klawżola arbitrali ma għandux jitraduċi ruħu, bis-saħħa ta' interpetazzjoni inflessibbli, għal xi volonta' inekwivokabbli fis-soċjeta' appellanti [konvenuta] li hi ma riedetx tiġġjova ruħha minn dik il-klawsola u kienet għalhekk qed tirrinunzja taċitament għaliha. Minn ebda diskors jew kondotta pre-proċesswali dan ma huwa hekk deżumibbli. Rispettosament, imbagħad, din il-Qorti lanqas ma tista' taċċetta bħala argoment ġuridikament valevoli illi, għall-assenza asserita ta' preġudizzju lill-parti konvenuta, ergo, il-klawżola arbitrali kellha titqiegħed in disparte, b'mod li allura jiġi ċirkuwit patt espress maqbul. Dak il-patt, liġi għallpartijiet li kkonvenewh (ara Artikolu 992(1), Kodiċi Ċivili, ma setax lanqas jiġi riżolut ħlief bil-kunsens tat-tnejn. Ugwalment, l-ebda dritt ekwivattiv ma jista', jew għandu, jservi ta' strument biex proċesswalment tiġi arrogata*

*kompetenza kontra dak li l-partijiet kontraenti jkunu liberament idderogaw minnu għad-definizzjoni tal-kontroversja ta' bejniethom";*

*Illi għalhekk il-punt imqajjem mill-attriċi li b'xi mod il-konvenut irrinunzja għall-klawżola t'Arbitraġġ ma jsib l-ebda komfort kemm fil-fatt, stante li qatt ma ċaħad tali klawżola, kif ukoll fid-dritt, hekk kif muri fil-ġurisprudenza sopraċitata.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet suesposti, l-konvenut esponent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' l-eċċezzjoni preliminari mressqa minnu rigward il-kompetenza ta' l-istess Qorti u tiċħad it-talbiet attriċi, u dan taħt dawk il-kondizzjonijiet li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq li tagħti."*

Rat l-atti kolha tal-kawza, bid-dokumenti esebiti kif ukoll l-affidavit li lehqet presentat l-attrici[2] ;

Rat ukoll in-nota konguntiva tal-partijiet[3] fejn iddikjaraw li kienu qed jistriehu fuq dak minnhom gia sottomess fin-noti taghhom u dan in vista tal-fatt lil kawza kienet thalliet ghal finali trattazzjoni fuq l-istess vertenza[4];

**Ikkunsidrat**

Illi din is-sentenza preliminari ghalhekk titratta l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' din il-Qorti *ratione materie* mressqa mill-konvenut in vista tal-klawsola arbitrali inkorporata kif suriferit fil-ftehim Dok A.

---

[2] Folio 58
[3] Folio 94
[4] Folio 91

Illi l-vertenza in kwistjoni principalment iddur ma l-interpretazzjoni tal-kliem li jinkorporaw il-klawsola arbitrali fil-ftehim konvenzjonat bejn il-partijiet li jitkellmu dwar '*dispute or difference arising between the parties under the provisions of this agreement*'[5], fil-fehma tal-attrici din id-dicitura teskludi t-talba ghad-danni minnha mressqa fir-rikors guramentat.

Illi l-oggezzjoni oltre li qeghda titressaq mill-attrici ghas-sottomissjoni tal-gurisdizzjoni ta' l-abitragg huma principalment illi l-konvenut abbanduna l-obbligi tieghu naxxenti mill-ftehim fejn giet maqbula il-klawsola arbitrali, allura dak li bih gie kostitwit l-appalt *turn key*, ghalhekk huwa argumentat mill-attrici li l-istess ftehim illum ma ghadux vigenti.

Izid l-attrici lli il-konvenut irrinunzja ghall-istess klawsola arbitrali minhabba lil ftehim konvenzjonat bejniethom mhux talli ma kienx ghadu in vigore, minhabba abbandun ta' l-istess da parte tieghu ghalhekk l-agir tal-konvenut kien indikattiv ta' hekk.

Ziedet lil konvenut kien in mala fede stante li ghazel li ma jwettaqx l-obbligazzjonijiet tieghu naxxenti mill-ftehim *turnkey*, pero nonostante cio xorta zamm ghandu flejjes taghha li rceva in forza ta' l-istess;

Inoltre ssostni lli anke jekk il-Qorti tibqa tal-fehma lil klawsola arbitrali ghadha in vigore, li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 742(3) tal-Kap 12 il-gurisdizzjoni tal-Qorti Civili ma kienetx esklussa.

**Interpretazzjoni tal-klawsola arbitrali**

[5] Dok A fol 4 klawsola 12

L-attrici ssostni lli il-kliem " *any dispute or difference arising between the parties under the* provisions *of this agreement"*, cioe dak li ghandu jkun il-qafas tar-riferriment ghal arbitragg jeskludi l-kawza ghad-danni li hija qeghda tressaq fir-rikors guramentat.

Minn naha tieghu l-konvenut jirribatti billi jsostni lil attrici qeghda titlob il-likwidazzjoni tad-danni kagun ta' l-allegat abbandun da parti tieghu tal-kuntratt *turnkey,* allura ta*'* dawk l-obbligi tieghu naxxenti mill-ftehim ta' bejniethom. Isostni l-istess konvenut li klawsola arbitrali ai terminu ta' l-artikolu 32(2) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha validita' indipendenti mill-ftehim innifsu, ghalhekk ghandha tiġi applikata oltre dak li hemm miftiehem bejn il-partijiet fl-istess kuntratt li jikkostitwixxi l-istess klawsola.

Illi l-argument ta' l-attrici huwa li l-imgieba tal-konvenut qatlet l-effetti tal-ftehim *turnkey,* tant li kif se jigi ezaminat aktar l' isfel issotni ukoll illi sahansitra l-konvenut irrinunzja ghal istess klawsola arbitrali.

Pero ghandu ragun hawn il-konvenut meta invoka l-applikabbilta' ta' l-artikolu 32(2) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta, illi kjarament jistipula lil klawsola dibatuta tibqa in vigore anke fl-estrem illi il-ftehim principali nnifsu jigi dikjarat null. *Multo magis* allura kieku biss verament kien hemm abbandun ta' dan il-ftehim da parti tal-konvenut, dan ma jwassalx ghal esklussjoni tal-klawsola arbitrali, ghax certament il-ligi zgur Ii ma tridx li azzjoni arbitrarja ta' parti tnaqqar mill-konvenzzjoni li jkunu dahhlu fiha l-partijiet. Qajla jista' jkollu effett dak patwit kieku l-interpretazzjoni hija mod iehor.

Il-Qrati taghna in rispett tal-principju pacta sunt servanda rritenew illi "*Kif huwa ormai pacifiku fil-gurisprudenza nostrana, klawsola arbitrali hija valida*

*u dan in omagg ghall-volonta' libera tal-partijiet."* [6] Ghalhekk l-artiklu 32 (2) tal-Kap 387 huwa ntiz biex tale ftehim jigi rispettat u onorat anke f-estrem li hemm kwistjoni ta' nullita' tal-ftehim innifsu.

Precisament huwa dak il-ftehim kontrattat liberalment bejn il-partijiet ghas-sottomissjoni ta' gurisdizzjoni arbitrali lil ligi hawn tipprotegi u thaddan in vista tal-fatt li kif inhu maghruf li dak miftiehem bejn il-partijiet jikkonstitwiuxxi ligi fil-konfront tat-tnejn. (Artiklu 960, 962 Kap 16)

Inoltre l-argument attrici lil frasi li stabbilit x'inhuma it-termini ta' referenza ghal arbitragg u cioe, *disputes and differences …arising from the agreement* ma tinkwadrax il-kwistjoni odjerna li hija bazi ta' l-azzjoni taghha hu kollox monk. Il-konvenut hawn ghandu ragun ghax il-kliem adoperat *disputes and differences* tant huwa wiesgha fl-interpretazzjoni taghhom li jinkorporaw dan id-diverbju ta' bejn il-partijiet.

L-attrici qeghda ssejjes it-talba taghha fuq allegazzjonijiet illi l-konvenut ma adempjiex ma dak stipulta fil-ftehim *turnkey* ta' bejniethom, ciononostante li anke saru varji koncessjonijiet ta' estensjoni ta' terminu biex il-konvenut jlahhaq id-*deadlines* imposti u fl-ahhar meta skontha anke dana falla, biex il-konvenut jirritorna somma ta' flus li huwa irceva minghandha a bazi ta' l-istess ftehim.

Apparti ghal fatt lil konvenut jikkontesta l-abbandun da parti tieghu tax-xogholijiet stipulati, ghax jsostni li kien l-agir tal-attrici li wassal ghal inadempjenza tieghu, (anke minhabba xoghlijiet zejda u mhux miftehma mitluba da parti taghha), id-danni li qed jintalbu da parti attrici huma rizultanti tal-falliment ta' dan il-ftehim. Tqies il-Qorti li dana huwa kaz klassiku ta'

[6] Christopher Grech vs Joseph Cutajar et Rik.Nru. 790/07LFS 01/12/2008

disputa naxxenti mill-istess ftehim u li certament il-klawsola arbitrali hija applikabbli ghalhekk.

**Mala Fede tal-konvenut.**

L-attrici ssostni dana fit-tielet paragrafu tan-nota ta' sottomissjonijiet taghha billi tghid lil konvenut tant ma kellux bouna fede li nonostante lix-xogholijiet minnu ma tlestewx, dana xorta zamm ghandu flejjes taghha moghtija lilu biex isir ix-xoghol fil-flat u tinxtara ghamara ghal istess.

S'issa gew presentati fl-atti mill-atttrici varji emails u korrispondenza ohra[7] mibghuta lilha jew lil certu Claude li juru lil konvenut verament kellu jirritorna lura xi flejjes lillha. Jidher ukoll mis-seba' (7) eccezzjoni tal-konenut illi huwa qed jikkontesta l-ammont ta' tlett mitt ewro oltre s-somma ta' seba' t'elef ewro minnu mitluba. Pero oltre dan, l-allegata mala fede tieghu talli zamm il-flus ta l-attrici jinhtieg li tigi pruvata. Verament kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Calibre Industries Limited vs Slipform Enginerring (Malta) Limited et deciza fid-29 ta' Novembru, 2011, Cit. Nru. 751/2004/1:**

**"***B'decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Jannar, 2010, l-eccezzjoni dwar il-klawsola arbitrali giet michuda minhabba dak li nghad:*

*'Huwa risaput li dawn il-Qrati dejjem irritenew li huma kellhom gurisdizzjoni fi kwistjonijiet bejn zewg partijiet anke meta jkun hemm klawsola arbitrali, meta jirrizulta li wahda mill-partijiet ma tagixix in bouna fede u b'hekk tistulifika l-operat tal-ftehim ta' bejn il-partijiet biex finalment tevita li tonora l-obbligi taghha…." .*

[7] DOK H FOLIO 38 U Dok I folio 39

Pero’ terga tghid il-Qorti li s’issa dawn l-allegazzjonijiet da parti ta’ l-attrici ghandhom biss dan, u ghalhekk almenu f’dan l-istadju, ma jistax jigi meqjus li da parti tal-konvenut kien hemm dik in nuqqas ta’ bouna fede li jwassal li jirradika l-gurisdizzjoni ta’ din il-qorti ad esklussjoni tal-klawsola arbitrali miftehma anke ghax kif jirrizulta l-konvenut jikkontesta din it-tezi bil-qawwa.

Ghaldaqstant anke din is-sottomissjoni qed tiġi skartata.

**Rinunzja da parti tal-konvenut tal-klawsola arbitrali**

Inghataw dwar dan zewg interpretazzjonijiet konfligenti mill-partijiet dwar jekk il-Qorti ghandhiex tqies l-attegjament tal-konvenut bhala wiehed li jittraduci f’rinunzja da parti tieghu tal-klawsola ghar-riferiment arbitrali. L-argument tal-attrici huwa msejjes principalment fuq il-fatt lil konvenut halla hafna zmien ighaddi bla ma irrikorra ghal tali opzzjoni. Frankament il-Qorti ssib dan l-argument bhala wiehed kemm xejn dghajjef ghax l-istess zmien thalla mill-attrici qabel ma ghazlet li tipprocedi bil-proceduri odjerni.

Oltre dan, il-Qrati taghna dejjem haddnu l-principju li r-rinunzja ghandha tkun cara u inekwivoka, tant li fejn jirrigwarda interpretazzjoni ghar-rinunzja ta’ xi dritt jinghad li *“fejn jezisti dubbju serju dan ghandu jmur kontra dak li kontra tieghu tkun qeghda tiġi akkampata rinunzja ghad-dritt”* [ **Kollez. Vol XXXIII.i.44**][8].

Insibu dwar dan illi l-Qrati taghna qalu *lli “In linea ta` principju, il-kunsens hlief fejn il-ligi tirrikjedi l-espressjoni formali tieghu, jista` jkun tacitu, pero`, il-komportament li jwassal ghall-prova tal-kunsens irid ikun tali li juri l-volonta`*

[8] Ghalkemm hawn l-argument zvillupat mill-Qorti kienet fir-rigward ta’ preskrizzjoni, l-principji governanti r-rinunzja jibqghu identici.

*preciza ta` dak li jkun li jaccetta bidla fil-posizzjoni guridika tieghu. Hekk, ir-rinunzja tista` tkun tacita, izda din trid tirrizulta mhux biss minn komportament fis-sens indikat izda l-istess komportament irid jimmanifesta l-intenzjoni li t-titolar tad-dritt irid jirrinunzja ghall-istess. Ir-rinunzji, qalet din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawza "***Anthony Scerri et v. Anthony Cutajar et***" deciza fis-16 ta` Marzu 2005 huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti nkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta` preciza tar-rinunzjant." Hekk ukoll inghad - b`referenza ghal gurisprudenza anterjuri - minn din il-Qorti (PA/PS) fis-sentenza taghha tal-24 ta` Novembru 2004 fil-kawza "***Maria Baldacchino et vs Edwin Pace"*** :- "Hi del resto enuncjazzjoni ben assodanti illi "rinunzja tacita ghandha tiġi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tiġi desunta ma tkunx tista` tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Hemm bzonn li din tirrizulta minn att jew kumpless ta` atti li jissupponu necessarjament fir-rinunzjat l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu" (Kollez. Vol. XXXIV P II p646 ; **Carmelo Galea v. Dottor Albert Camilleri nomine**, Appell Civili 18 ta` Marzu 1977)."*[9]

Illi ezaminati dawn il-principji u a skorta tal-provi s'issa prodotti, ma tqies lil konvenut la b'mod esplicitu u wisq anqas tacitu rrinunzja ghad-dritt tieghu li jirrikorri ghac-centru ta' Arbitragg. Li jirrizulta biss u, illi bejn il-partijiet kien hemm estensjonijiet ta' zmien maqbula, matul liema zmien il-konvenut kellu jespleta l-inkarigu fil-konfront ta' l-apartament ta' l-attrici u aktar tard meta falla dan, li jirritorna parti mill-flejjes li kienu ghaddew ghandu gia ghal dan l-iskop. Minn imkien tul dawn it-trattativi jew wara ma gie muri xi rinunzja da parti tieghu. Terga tfakkar il-Qorti lil-konvenut fil-linja difenzzjonali tieghu mhux qed jaccetta l-allegazzjoni tal-abbandun mressqa fil-kawzali attrici.

[9] Mario Vella et. Vs Malta Industrial Parks P.A. JZM 30.09.14; l-Appell mill-istess gie dikjarat fouri termine b'sentenza tas-26 ta' Gunju, 2016, Appell Civili Numru 364/2013/1

Oltre dan ghandu jinghad ukoll illi l-konvenut segwa b'mod strett dak li trid il-ligi biex jinvoka il-klawsola arbitrali billi qabel ma presenta n-nota ta' eccezzjonijiet tieghu, huwa intavola wkoll ir-rikors mitlub ai terminu ta' l-artikolu 15(3) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta[10]. Fil-fatt illum fi kwalunkwe kaz il-Qrati taghna anke qed jaghtu interpretazzjoni aktar wisgha lil dan l-artikolu, u ghal procedura hemm misjuba, isibu ghalhekk lil din il-Qorti diversament preseduta qalet fis-sentenza fl-ismijet **Zamsul Contractors Ltd. Vs Pharmacare Premium Limited** deciza fl-14 ta' Gunju, 2012 illi *" Fil-fehma tal-qorti, il-fatt li l-konvenut ma ghamilx ir-rikors ma jippregudikax id-dritt tieghu. L-eccezzjonijiet jinghataw permezz ta' twegiba guramentata. Madankollu taht l-Artikolu 15(3) tal-Kap. 387 il-konvenut ghandu l-opportunita' li qabel jipprezenta t-twegiba guramentata, jipprezenta rikors biex il-qorti tissoprasjedi minhabba l-klawzola arbitrali. Ir-rikors m'huwiex mandatorju, tant li l-ligi tghid li l-parti fil-proceddiment "....**tista'** f'kull zmien qabel ma tressaq xi eccezzjonijiet jew tmexxi mod iehor fil-procediment,.....". Il-kelma **"tista"** taghti lil din il-qorti x'tifhem li hi fid-diskrezzjoni tal-parti li trid tinvoka l-ftehim arbitrali, li tipprezenta rikors u titlob is-soprasessjoni.*

*Jidher li l-ghan wara dan il-provvediment hu sabiex min ikun irid jinvoka l-ftehim arbitrali, f'dak l-istadju jkollu l-fakolta li ma joqghodx jipprezenta twegiba guramentata u jidhol fi spejjez zejda2. Dan iktar u iktar meta tqies li klawzola arbitrali ma teskludix il-gurisdizzjoni tal-qorti, izda taghti biss lok biex il-qorti twaqqaf il-procediment (Artikolu 742[3] tal-Kap. 12). Minn qari tal-Artikolu 15 il-qorti ma tistax tikkonkludi li n-nuqqas li jigi prezentat rikors ifisser telfien ghad-dritt tal-konvenut li jinvoka klawzola arbitrali fit-twegiba guramentata, jew li qieghed jirrinunzja ghall arbitragg . Klawzola arbitrali hi parti mill-ftehim bejn il-partijiet,liema ftehim ghandu l-forza tal-ligi. Bhal*

[10] Folio 54

*rikors, it-twegiba guramentata hi wkoll att gudizzjarju. M'ghandux ikun li persuna li trid tinvoka klawzola arbitrali u Ghalhekk trid li jigi onorat l-ftehim, tigi pregudikata ghaliex minflok ghamlet rikors u talbet is-soprasessjoni, ipprezentat twegiba guramentata fejn invokat il-klawzola arbitrali u li ghandha twassal biex il-qorti tordna l-waqfien tal-proceduri quddiemha. Fil-fehma tal-qorti l-ispirtu tal-ligi m'huwiex li wiehed joqghod jintilef formalizmu bla bzonn, u l-ligi qeghda biss toffri alternattiva inqas ghalja".*

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda ukoll tiskarta din is-sottomissjoni attrici.

**L-artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-attrici resqet sottomissjoni li l-artikolu hawn imsemmi fih innifsu ma jeskludix il-gurisdizzjoni tal-Qrati Civili nonostante li tkun stipulatata bejn il-partijiet klawsola arbitrali. Sa hawn l-attrici fil-fatt ghandha sa certu punt ragun. Pero is-sentenza minnha stess citata f'dan ir-rigward taghti stampa cara ta' x'kienet l-intiza ta' l-emenda ghal artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kieku l-attrici ghazlet biex tirriproduci l-paragrafu relevanti fl-intier tieghu. Intqal fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Mejju 1998 **George Camilleri vs Hugh P. Zammit noe:**

"*il-ligi (fl-artikolu 742(3) kif emendat) riedet li jigi assigurat li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili ma tkunx eskluza mill-fatt biss li jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet. Riedet allura tassigura li l-Qrati Civili jkunu jistghu u jkollhom il-kompetenza li jissindikaw il-validita` ta' tali ftehim ta' arbitragg, li kellhom id-dritt li jirregolaw il-proceduri skont kif trid il-ligi u anke li jkollhom il-kompetenza u l-gurisdizzjoni li jassiguraw l-ezegwibilita` tad-decizjonijiet arbitrali permezz ta' atti u mandati kawtelatorji, kif ukoll atti u mandati ezekuttivi……***Dan ifisser illi d-disposizzjoniji 742(3) ma kinitx intiza**

***biex tinnewtralizza l-effikacja ta' klawsola arbitrali, imma intiza biss biex tassigura li jkunu l-Qrati Civili li jkollhom il-gurisdizzjoni li jirregolaw il-mod kif tali klawsola arbitrali kellhom jigu mhaddma u dana billi jkollhom il-poter li jaghmlu tajjeb u jaghtu direttivi fil-kaz li jkun hemm lakuni jew diffikultajiet fil-mod kif tali klawsoli kellhom jigu proceduralment imhaddma fil-prattika."*** (Emfasi tal-Qorti)

Ghalhekk identikament inghad ukoll fs-sentenza ohra tat-28 ta' Frar 1997 fil-kawza ***George Xuereb v. Accountant General et*** (Qorti tal-Appell) li*: "naturalment dan ma jfissirx li l klawsola arbitrali fejn tapplika tista' tigi reza bla ebda effett bis-semplici rikors lil dawn il-Qrati. Ifisser pero`, li Qorti ghandha l-gurisdizzjoni originali u "overiding" li tissindika wkoll l-applikazzjoni tal-ezekuzzjoni ta' dawn il-klawsoli arbitrali."*

Din il-gurisdizzjoni konkorrenti tat-Tribunali Civili, dejjem giet ezercitata kontrarjament ghat-tezt attrici, fis-sens lil Qrati taghna accettaw li klawsola arbitrali tista tistipula li l-obbligazzjoni ezistenti bejn il-partijiet tiġi sottrata mill-gurisdizzzjoni tal-Qrati Civili u dan dejjem b'rispett lejn dak patwit bejn il-partijiet bil-volonta' libera taghhom: ( **Christopher Grech vs Joseph Cutajar** 1/12/08 PA).

Naraw lil Qrati Civili in ezami ta' vertena identika qalu fil-kawza fl-ismijiet **365 Entertaiment Ltd vs Boss Media Malta Poker Ltd** et deciza fl-10 ta' Lulju, 2012 LFS:

***"Gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Malta mhux eskluza bil-klawsolali arbitrali:***

*Sekondarjament ir-rikorrenti sostnew li l-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Malta mhux eskluza bil-fatt illi tezisti klawzola ta' arbitragg u mhux kull klawsola*

*gurisdizzjonali ghandha tiġi segwita izda l-Qorti ghandha tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz qabel tiddeciedi.*

*Huwa veru li gurisdizzjoni tal-Qrati ta' kompetenza Civili mhix eskluza bil-klawsola arbitrali, izda huwa obbligu tal-Qorti li tirrispejjka l-ftehim ta' bejn il-partijiet u cioe` pacta sund servanda. Il-Qrati dejjem ghandhom l-obbligu li jirrispettaw l-ghazla tal-gurisdizzjoni bejn il-partijiet anke jekk din tkun ghazla ghal gurisdizzjoni estera li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqha preventivament (***Noel Ellul noe vs Joseph Bowman noe et***). Hu biss meta jkun hemm xi raguni tajba biex tichad lill-Klawsola Arbitrali li l-Qorti ghandha tafferma l-kompetenza taghha".*

**Decide**

**Premess is-suriferit din il-Qorti qeghda tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u ai terminu ta' l-artikolu 742(3) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta twaqqaf il-proceduri odjerni.**

**Bl-ispejjez a kariku ta' l-attrici.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**John Muscat**
**Dep. Reg.**